**Tbissima minn fuq l-artal**

Għaddejja l-quddiesa
Talba wara l-oħra,
Ġest isewgi l-ieħor
Qlub ma jibqgħux foqra.

Il-grazzja dlonk tinżel
Ħa tgħammar b'qawwietha,
Fil-qalb li tilqagħha
Hemm twettaq ħidmietha.

Għal dan kollu jifraħ
Il-qaddej tal-Mulej,
Għax jaf kemm imħabbtu
Twassal għaż-żmien li ġej.

Jitbissem u jqaddes
Iqaddes w jitbissem,
Jaf li dal-ġid kollu
Qiegħed isir fl-Isem.

Ta' dak Ġesù ħanin
Li n-nagħġa jfittixha
Ma jgħajjatx le magħha
Imma ikenninha.

Jaħfrilha dnubietha
Qisu ma ġara xejn,
Jaf li hi trid lilu
Iċanfarha għalfejn?

U t-tbissima ħarġet
Għal dil-grazzja kollha,
Kristu mhux ibiegħed
Imma biss jinkolla.

Għalhekk ħija tbissem
Għix b'ħajtek dak li qal,
Meta nkunu umli
Nitbissmu mill-artal.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' April 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.